MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## LORRAINE SCHEMBRI ORLAND

Seduta tas-16 ta' Dicembru, 2014

Citazzjoni Numru. 832/2014

**Mario Agius *sive* Zahra (KI 173571M)**

**vs**

**Direttur tar-Registru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors guramentat ta’ Mario Zahra datat 23 ta’ Settembru 2014 fejn espona: -

Illi r-rikorrent twieled fit-8 ta' Ottubru 1970 bhal ma jirrizulta mill-anness Att ta' Twelid Nru 1735 tas-sena 1971 (Dok A);

Illi fl-anness Dok 'A', fil-kolonna intestata 'isem u kunjom' ta' missier it-tarbija, l-isem u l-kunjom tal-missier huma mnizzla bhala 'Joseph Agius known as Zahra';

Illi missier ir-rikorrent, Joseph, permezz ta' sentenza tal-Onorabbli Qorti bid-data 26 ta' Novembru 2003 (Citazzjoni Numru 192/2003) assuma kunjom il-missier naturali tieghu,

ossija 'Zahra', u dan ad eskluzjoni ta' kwalsijasi kunjom iehor (Dok B);

Illi kif jirrizulta mid-diversi dokumenti hawn annessi, hut ir-rikorrent huma mnizzla fic-certifikati tat-twelid, bhala 'Zahra' (Dok C, Dok D, Dok E, Dok F,) u kif sejjer jigi ppruvat waqt

is-smigh tal-kawza;

Illi, kif jirrizulta mid-diversi dokumenti annessi ma' dan ir-rikors, u kif sejjer jigi ppruvat waqt is-smigh tal-kawza, ir-rikorrent kien dejjem maghruf bhala Zahra u qatt ma kellu jitnizzel bhala 'Agius known as Zahra' fic-certifikat tat-twelid tieghu (Dok A), izda kellu jitnizzel bhala 'Zahra' bhal ma tnizzel kunjom hutu, u bhal ma gie ordnat mill-Onorabbli Qorti fis-sentenza tas-26 ta' Novembru 2003 fir-rigward ta' missier ir-rikorrent;

Illi ghalhekk kellha ssir din il-kawza, *ai termini* tal-artikolu 253 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ghaldaqstant ir-rikorrent, prevja li din l-Onorabbli Qorti tordna l-hrug tal-avviz *ai termini* tal-artikolu 254 tal-Kapitlu 16 tal-Ligijiet ta' Malta, jitlob umilment li din l-Onorabbli Qorti joghgobha:

1 Tiddikjara *ai* finijiet u effetti kollha tal-ligi li kunjom ir-rikorrent huwa 'Zahra' u mhux 'Agius known as Zahra';

2. Tordna lill-intimat Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jemenda l-att tat-twelid tar-rikorrent b'tali mod li jirrifletti li r-rikorrent huwa 'iben Joseph Zahra' u mhux 'iben Joseph Agius known as Zahra'.

U dan taht dawk il-provvedimenti li jidhrilha xierqa u opportuni.

Bl-ispejjez u l-intimat ngunti in subizzjoni.

Rat li din il-kawza giet appuntata ghas-smigh ghas-seduta tat-28 ta' Ottubru 2014.

Rat ir-risposta guramentata tad-Direttur tar-Registru Pubbliku datata 23 ta' Ottubru 2014 (fol 29) fejn espona : -

1 Illi preliminarjament, qabel is-smigh tal-kawza, b'ordni tal-Qorti ghandu jigi ppubblikat avviz fil-Gazzetta tal-Gvern talanqas hmistax-il gurnata qabel is-smigh tal-kawza *a tenur* tal-Artikolu 254 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Illi l-esponent jirrileva li fl-att tat-twelid tar-rikorrenti ma hemm l-ebda kunjom li gie indikat u dan ghaliex fl-atti tat-twelid li saru qabel is-sena 2005, ma kienx jigi indikat il-kunjom tat-tarbija izda biss l-isem. Illi l-kunjom li kien gie indikat huwa dak ta' missier ir-rikorrenti u cioe' Agius *known as* Zahra.

3. Illi fl-att tat-twelid tar-rikorrenti kien missieru Joseph Agius known as Zahra li kien id-dikjarant u li ta l-informazzjoni kollha li mbaghad tnizzlet fic-certifikat tat-twelid. Hu ffirma wkoll l-att u allura kkonferma li d-dettalji li jinsabu fl-att huma korretti.

4. Illi *ai termini* tal-ligi Maltija, ulied fiz-zwieg jiehdu awtomatikament il-kunjom ta’ missierhom, u ghaldaqstant peress li r-rikorrent effettivament twieled fiz-zwieg, hu ha kunjom missieru. Jekk missieru iddikjara li kunjomu huwa Agius known as Zahra mela r-rikorrent ha awtomatikament dak il-kunjom.

5. Illi bla pregudizzju ghal premess, l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe kaz l-azzjoni tar-rikorrenti mhijiex attribwibbli ghal xi ghemil jew nuqqas ta' agir ta' l-esponent u kwindi huwa m’ghandux jigi assoggettat ghall-ispejjez tal-kawza istanti;

6. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti li qeghdin jigu ingunti in subizzjoni.

Rat il-verbal tas-seduta tat-28 ta’ Ottubru 2014 fejn meta ssejhet il-kawza deher Dr. Ivan Daniel Mifsud ghall-attur prezenti. Dehret Dr. Mireille Sacco ghad-Direttur tar-Registru Pubbliku li ddikjarat li m’ ghandhiex provi ohra x’ tipproduci. Dr. Ivan Mifsud iddikajra li m’ ghandux provi ohra f’dan l-istadju. Dr. Mifsud iddikjara li r-rikorrent akkampa t-talbiet tieghu fuq l-argument li fis-sentenza esebita l-Qorti ordnat li ssir kull korrezzjoni ordnata fit-terminu previst mil-ligi. Il-kawza giet differita ghas-sentenza in difett t’ ostakolu ghas-16 ta’ Dicembru 2014.

Rat ir-rikors tar-rikorrent tas-17 ta' Novembru 2014 u d-Digriet ta' din l-istess Qorti fejn ordnat in-notifika tar-rikors lill-intimat b'sebat ijiem ghar-risposta. B'dan ir-rikors ir-rikorrent talab li tigi awtorizzata korrezzjoni fil-paragrafu 6 tar-rikors promotur sabiex jiftiehem li l-kawza odjerna qed issir *ai termini* tal-artikolu 4(3) tal-Kodici Civili ta' Malta.

Rat ir-risposta ipprezentata fil-5 ta' Dicembru 2014 fejn l-intimat oppona ghat-talba *stante* li l-paragrafu 4(3) tal-Kap.16 ma taghtix jedd ta' azzjoni sabiex jigi korrett kunjom, liema azzjoni tista’ ssir biss skont l-artikolu 253 tal-Kap.16 u jekk tintlaqa' t-talba ssir annotazzjoni fl-att.

Rat id-Digriet taghha tat-12 ta' Dicembru 2014 fejn il-Qorti cahdet it-talba.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti.

## II. <u>KONSIDERAZZJONIJIET</u>

Illi l-attur *nomine* qed jagħmel din it-talba *ai termini* tal-artikoli **253 *et sequitur*** tal-Kodiċi Ċivili li jagħtu dritt lil kull persuna li tagħmel talba ġudizzjarja ghall-korrezzjonijiet fir-reġistrazzjoni ta' ismijiet tal-atti tal-istat ċivili. Il-pubblikazzjoni *ai termini* tal-artikolu 254 saret debitament skont il-Ligi (fol.28).

Illi permezz ta' din il-kawza, l-attur *nomine* qed jitlob li ssir korrezzjoni fl-Att ta' Twelid tieghu numru 1735/1971 (**DOK A)** billi dan jirrefletti li l-istess rikorrent huwa 'iben Joseph Zahra' u mhux 'iben Joseph Agius known as Zahra'.

Jirrizulta bhala fatt, li missier ir-rikorrent, Joseph Zahra, kien wild naturali ta' Carmelo Zahra u Carmela Difesa nee Agius. Agius kien kunjom xbubit ommu. Permezz tas-sentenza annessa mar-rikors promotur bhala **DOK B,** din il-Qorti kif diversament presjeduta ordnat li Joseph Zahra jassumi l-kunjom tal-missier naturali tieghu, ossia 'Zahra' *'ad eskluzjoni ta' kwalsiasi kunjom iehor'*.

Illi l-attur twieled qabel ma inghatat din is-sentenza, izda fl-istess att ta twelid jidher Joseph Zahra bhala missieru.

Fic-cirkostanzi, ghalhekk, din il-Qorti hija soddisfatta li kunjom missier ir-rikorrent kien 'Zahra' u mhux 'Agius known as Zahra' u t-talbiet odjerni ghandhom jigu milqugha. Fir-realta', ir-rikorrent mhu qed jitlob xejn iehor hlief li jgib kunjom missieru, 'Zahra' u dan ma joltrax il-ligi Maltija

senjatament ir-regola mnissla f**l-artikolu 4(3) tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta.**

Ikkonsidrat izda li l-ispejjez ghandhom jigu ssopportati mill-istess rikorrent, *stante* li ma jirrizultax mill-provi li tali zball kien imputabbli ghal xi raguni lill-konvenut odjern.

## III. <u>KONKLUZJONI.</u>

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi**, billi fil-waqt li tichad l-eccezzjonijiet tad-Direttur tar-Registru Pubbliku biss in kwantu l-istess huma inkompatibbli u inkonsistenti ma' dawk hawn decizi, **Tilqa'** t-talbiet tar-Rikorrent b'dan li:-

1. **Tilqa'** l-ewwel talba attrici u tiddikjara *ai* finijiet u effetti kollha tal-ligi li kunjom ir-rikorrent huwa 'Zahra' u mhux 'Agius *known as* Zahra';

2. **Tilqa'** t-tieni talba attrici u tordna lill-intimat Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jirregistra l-istess dikjarazzjoni permezz ta' nota fil-margni tar-registrazzjoni relattiva fir-registru ta' l-atti tat-Twelid u fl-att tat-Twelid numru 1735/1971 b'dan li fl-istess certifikat, fil-kolonna intestata 'Isem u Kunjom missier it-tarbija' ghandu jigi korrett sabiex isem u kunjom il-missier jsir 'Joseph Zahra' minnflok 'Joseph Agius known as Zahra'.

Il-Qorti tordna wkoll *ai termini* tal-**Artikolu 256 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' *Malta*** li kull korrezzjoni hawn ordnata ghandha ssir mid-Direttur tar-Registru Pubbliku fi zmien ghaxart (10) ijiem minn dakinhar li s-sentenza tghaddi in gudikat u ghandha ssir bis-sahha ta' kopja vera tas-sentenza li tinghata lilu mir-Registratur u ssir wkoll riferenza ghall-istess sentenza kif imfisser fl-imsemmi dispozizzjoni tal-Ligi.

L-ispejjez jithallsu mir-rikorrent.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------